Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

22 ta’ Ġunju, 2010

ATT Nru. VII tal-2010

ATT biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ Materji Kriminali.

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2010 li jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw Materji Kriminali.

TAQSIMA I

Emenda tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

2. (1) Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed ’il quddiem f’din il-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’, b’avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta’ dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 23A tal-Kodiċi.

3. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 23A tal-Kodiċi, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Meta l-qorti ma tipproċedix biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (2) il-qorti għandha minnufih

tagħmel ordni temporanja ta’ iffriżar li jkollha l-istess effett ta’ ordni magħmula taħt l-artikolu 5 tal-Att liema ordni temporanja għandha tibqa’ fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi subartikolu.

(4) Meta għal xi raġuni kwalunkwe il-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (2) l-Avukat Ġenerali jista’, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqs li kieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt l-istess artikolu 5. L-ordni temporanja ta’ iffriżar magħmula taħt is-subartikolu (3) għandha tibqa’ fis-seħħ sakemm l-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.

(5) L-akkużat għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta’ meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (2) jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2) tibqa’ fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.".

Emenda tal-artikolu 23A tal-Kodiċi.

4. Fl-artikolu 23A(1) tal-Kodiċi, minnufih wara l-kliem "F’dan l-artikolu," għandhom jidħlu l-kliem “u fl-artikoli 23B, 23Ċ u 23D".

.Żjieda tal-artikolu ġdid 23D tal-Kodiċi.

5. Minnufih wara l-artikolu 23Ċ tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"23D. (1) Meta l-qorti tagħmel xi ordni kif imsemmi fl-artikoli 23A sa 23Ċ, iż-żewġ artikoli inklużi, hi għandha tordna lir-reġistratur biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra, dovuti jew jappartejnu jew taħt il-kontroll tal-imputat jew il-persuna akkużat jew misjuba ħatja, kif ikun il-każ:

Iżda għal finijiet ta’ dan is-subartikolu il-kliem "proprjetà" u "rikavat" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom rispettivament fl-artikolu 23B(3).

(2) Kull min ijun meħtieġ mir-Reġistratur jipprovdi informazzjoni għall-finijiet tas-subartikolu (1) għandu jaderixxi mat-talba fiż-żmien tletin ġurnata mid-data ta’ meta riċevuta t-talba bil-posta reġistrata.".

Emenda tal-artikolu 119 tal-Kodiċi.

6. L-artikolu 119 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "interdizzjoni ġenerali perpetwa", għandhom jidħlu l-kliem "jew interdizzjoni ġenerali speċjali, jew it-tnejn, skont kif ikun il-każ,";

(b) minnufih wara il-kliem "interdizzjoni ġenerali temporanja", għandhom jidħlu il-kliem "jew interdizzjoni speċjali temporanja, jew it-tnejn, kif ikun il-każ.".

7. L-artikolu 121 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 121 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "artikolu 115." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "artikolu 115:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda il-kelma "ġurat" għandha f'kull każ tinkludi persuna lajka li tkun qed taġixxi bħala membru ta' korp kollegġjali li jkollu r-responsabbiltà li jiddeċiedi dwar il-ħtija ta' persuna akkużata fil-qafas ta' kawża fi ħdan is-sistema ġudizzjarja ta' stat, minbarra Malta.";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "assemblea domestika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "assemblea pubblika domestika ";

(ċ) fil-paragrafu (ġ) tas-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "f'Malta:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'Malta;", u minnufih wara, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) Kull min:

(i) jiġi mitlub biex jaġixxi bħala arbitru skont d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ, sew jekk l-arbitraġġ ikun domestiku jew internazzjonali;

(ii) minħabba ftehim ta' arbitraġġ jiġi mitlub mill-partijiet għal ftehim biex jagħti deċiżjoni legali vinkolanti f'tilwima preżentata quddiemu; u

(iii) ikun arbitru qed iwettaq l-funzjonijiet tiegħu skont il-liġi nazzjonali ta' xi stat, minbarra Malta:".

8. L-artikolu 188 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 188 tal-Kodiċi.

(a) id-dispożizzjoni preżenti tiegħu għandha tkun enumerata bħala is-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta id-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

9. Minnufih wara l-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"204D. Kull min:

(a) iġiegħel persuna ta' taħt l-età biex tipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' xi persuna oħra; jew

(b) xjentement iġiegħel, għal skopijiet sesswali, persuna ta' taħt l-età sabiex tkun preżenti waqt abbuż sesswali jew attivitajiet sesswali, anke jekk dik il-persuna ma tasalx biex tkun imġiegħla tieħu sehem fl-attivitajiet; jew

(ċ) xjentement iġiegħel, għal skopijiet sesswali, persuna ta' taħt l-età sabiex tipparteċipa f'imġiba espliċitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluż permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni; jew

(d) jieħu sehem f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età, f'liema attività ikollha x'taqsam l-prostituzzjoni ta' tfal; jew

(e) xjentement jattendi wirja pornografika li fiha jieħdu sehem xi tfal ta' taħt l-età,

jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.".

Emenda tal-artikolu 208 tal-Kodiċi.

10. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 208 tal-Kodiċi:

(a) il-kliem "mhux iżjed minn sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt xhur sa tnax-il xahar";

(b) il-kliem "iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "inqas minn elf euro (1,000) u mhux iżjed minn tlett elef euro (3,000),".

11. L-artikolu 208A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 208A tal-Kodiċi.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kull ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li tagħmel jew tipproduċi jew tippermetti li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew tipproduċi, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegħ, titrasmetti, tagħmel disponibbli, takkwista għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew turi dak il-materjal indeċenti tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija minn tnax-il xahar sa ħames snin.";

(b) is-subartikolu (1B) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1B) Kull persuna li takkwista, xjentement takkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew ikollha fil-pussess tagħha, xi materjal indeċenti li juri, tagħti stampa ta' jew jirrapreżenta xi persuna ta' taħt l-età, tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin.".

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu:

(i) il-kliem "murija fir-ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha elettronika," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "murija, mogħtija stampa jew rappreżentati fil-materjal indeċenti,";

(ii) il-kliem "disa' snin:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "disa' snin jew meta l-materjal indeċenti juri, jagħti stampa ta' jew jirrapreżenta persuna ta' taħt l-età involut f'atti ta' bestjalità, brutalità, sadiżmu jew tortura:";

(iii) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "tmintax-il xahar sa seba' snin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sentejn sa disa' snin";

(iv) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "tliet xhur sa tliet snin," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt xhur sa erba' snin,";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "ritratt, *film*,

video recording jew xbieha elettronika indeċenti" kull fejn jinstabu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "materjal indeċenti";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "f'xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti bħal dawn" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-materjal indeċenti";

(f) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Għal finijiet ta' dan l-artikolu il-kliem "materjal indeċenti" jinkludi ritratti, xbiehat, awdjo, jew *video recordings*, kreati diġitalment jew xbiehat elettroniċi, disinni, *cartoons*, test u rappreżentazzjonijiet simulati jew xbiehat realisitiċi ta' persuna ta' taħt l-età, anke jekk dik il-persuna ma teżistix, jew tal-partijiet sesswali ta' tfal għal għanijiet primarjament sesswali.".

Żjieda tal-artikoli ġodda 208AA, 208AB u 208AĊ mal-Kodiċi.

12. Minnufih wara l-artikolu 208A tal-Kodiċi għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Tħajjir ta' persuni ta' taħt l-età.

208AA. Kull min, permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, jipproponi li jiltaqa' ma persuna ta' taħt l-età bil-ħsieb li jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u 208A, jista', meta l-proposta tkun segwita b'atti materjali li jwasslu għal dak il-laqgħa, jista', meta jinsab ħati, jeħel, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa erba' snin.

Riklamar ta' turiżmu sesswali.

208AB. Kull min ixerred xi materjal li jirriklama l-opportunità biex jitwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204Ċ, it-tnejn inklużi, 208A(1) u 208A(1A), jew ikun involut fl-organizzazzjoni ta' arranġamenti ta' safar bil-ħsieb li jwettaq xi reati msemmija minn dawn, jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa sentejn.

Ċirkostanzi aggravanti.

208AĊ. (1) Il-piena għar-reati msemmija fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inklużi, 208A (1) u 208(1A), għandha tiżdied bi grad jew b'żewġ gradi, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

(a) meta r-reat jirriżulta li jagħmel ħsara lis-saħħa fiżika jew mentali tal-persuna ta' taħt l-età;

(b) meta l-persuna ta' taħt l-età hija persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tas-subartikolu (2);

(ċ) meta r-reat jitwettaq minn żewġ persuni jew aktar li jkunu qed jaġixxu flimkien;

(d) f'kull ċirkostanza msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (h) tal-artikolu 202;

(e) jekk min jinsab ħati jgħix ma', jew huwa membru tal-familja tal-vittma;

(f) jekk min jinsab ħati kien ġa ikkundannat għal reat taħt dan is-sub-titolu.

(2) Għal finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:

(a) kull persuna ta' taħt il-ħmistax-il sena; jew

(b) kull persuna li ssofri minn mard fiżiku jew mentali; jew

(ċ) kull persuna oħra li tkun meqjusa mill-qorti li qiegħda partikolarment f'riskju li tiġi mħajjra biex tikkopera ma' min jinsab ħati jew li ċċedi għal volontà ta min jinsab ħati meta tieħu kont tal-età, il-maturità, is-saħħa, it-tqala, id-diżabilità, kondizzjonijiet soċjali jew oħrajn tal-persuna, inkluż kull sitwazzjoni ta' dipendenza, kif ukoll l-konsegwenza fiżika jew psikoloġika tar-reat fuq dik il-persuna.".

Emenda tal-artikolu 208B tal-Kodiċi.

13. L-artikolu 208B tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "204A sa 204Ċ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "204A sa 204D" u il-kliem "208A(1) u (1A)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "208A(1), (1A), 208AA u 208AB";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "jeżerċita l-attivitajiet professjonali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jeżerċità l-attivitajiet";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2A) Meta l-qorti tagħmel l-ordni taħt is-subartikolu (2) dik l-ordni għandha tkun reġistrata fil-fedina penali tal-ħati.

(2B) Meta l-persuna misjuba ħatja fuq xi reat

msemmi fis-subartikolu (1) tkun soġġetta għal ordni provdut taħt is-subartikolu (2) magħmula minn qorti barranija, il-qorti għandha tordna illi l-ordni magħmula mill-qorti barranija għandha tkun effettiva daqs li kieku kienet magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (2).".

(d) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "barra minn Malta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "barra minn Malta; jew" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) ir-reat ikun sar kontra xi persuna b'nazzjonalità Maltija jew residenti permanenti f'Malta.".

Emenda tal-artikolu 225 tal-Kodiċi.

14. L-artikolu 225 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Id-dispożizzjoni preżenti tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u minnufih wara għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaġuna l-mewt ta' iżjed minn persuna waħda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun ikkaġuna ukoll offiża fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni oħra il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija bejn ħames sa għaxar snin.".

Żjieda ta' titolu ġdid u artikolu ġdid 248Bis mal-Kodiċi.

15. Minnufih wara l-artikolu 248 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan it-titolu u l-artikolu ġdid li ġej:

"DISPOŻIZZJONI ĠENERALI LI TKUN TAPPLIKA GĦAL REATI TAĦT IS-SUB-TITOLI I SA V, IT-TNEJN INKLUŻI, U SUB-TITOLU VIII

Diżabilita' fil-każ ta' reati kontra persuni ta' taħt l-eta'.

248 Bis. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) u (2A) tal-artikolu 208B għandhom japplikaw għal kull persuna misjuba ħatja ta' xi reat taħt is-Sub-titoli I sa V, it-tnejn inklużi, u Sub-titolu VIII meta r-reat ikun sar kontra xi persuna ta' taħt l-età.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 248A(1) tal-Kodiċi.

16. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 248A tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"248A. (1) Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fis-subartikolu (2), jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata:

(a) fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi; jew

(b) fil-jasar jew prattiċi simili għall-jasar; jew

(ċ) fl-iskjavitu`; jew

(d) f'attivitajiet assoċjati mal-elemosina; jew

(e) f'xi attivitajiet oħra illegali mhux speċifikament provduti imkien f'dan is-sub-titolu,

jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija ta' żmien minn sentejn sa disa' snin.".

Żjieda tal-artikoli ġodda 248DA u 248DB mal-Kodiċi.

17. Minnufih wara l-artikolu 248D tal-Kodiċi għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Li tħajjar b'mod improprju li jingħata l-kunsens għall-adozzjoni ta' persuna ta' taħt l-età għal finijiet ta' sfruttament.

248DA. Kull min, għal finijiet imsemmija fl-artikoli 248A sa 248Ċ, it-tnejn inklużi, jaġixxi bħala intermedjarju għall-adozzjoni ta' persuna ta' taħt l-età iħajjar b'mod improprju li jingħata l-kunsens ta' xi persuna li l-kunsens tagħha jkun meħtieġ għall-adozzjoni jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 248D.

Xogħol magħmul mit-tfal.

248DB. Kull min, jieħu sehem jew jinvolvi ruħu fix-xogħol magħmul mit-tfal għal kull fini msemmija fl-artikolu 248A jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stabbilita taħt l-artikolu 248D.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu xogħol tat-tfal għandu jinkludi persuna ta' taħt l-età li tkun kostretta biex taħdem b'mod sfurzat jew obbligatorju għal kull fini inkluż ir-reklutaġġ sfurzat jew obbligatorju ta' persuni ta' taħt l-età biex jieħdu sehem f'kunflitt bl-armi.".

Emenda tal-artikolu 248E tal-Kodiċi.

18. L-artikolu 248E tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "trasport jew trasferiment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "trasport, bejgħ jew trasferiment";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "offiża gravi fuq il-persuna" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "vjolenza";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(d) isir minn uffiċċjal jew funzjonarju pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijiet tiegħu; jew

(e) isir kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tas-subartikolu (2) tal-artikolu 204D; jew

(f) meta l-akkużat ikun xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ipperikola l-ħajja tal-persuna ttraffikata,".

Żjieda tal-artikolu ġdid 272A mal-Kodiċi.

19. Minnufih wara l-artikolu 272 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Piena għal serq b'offiża gravi fuq il-persuna li biha tikkawża l-mewt.

272A. (1) Kull min jinsab ħati ta' serq b'offiża gravi fuq il-persuna li biha tikkawża l-mewt jista' jeħel:

(a) jekk l-offiża hija gravi u l-mewt tiġi kkawżata minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara,

(i) il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmien snin sa tletin sena, jekk l-mewt tiġi kkawżata fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel d-delitt;

(ii) il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt snin sa ħamsa u għoxrin sena, jekk l-mewt tiġi kkawżata wara l-erbgħin ġurnata hawn fuq msemmija, imma qabel sena li tibda tgħodd bħalma jingħad hawn fuq.

(b) meta l-mewt tiġi kkawżata minħabba xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux biss minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, l-akkużat jista', meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames snin sa għaxar snin.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 220(3) għandhom japplikaw meta l-offiża tkun saret fil-limiti territorjali ta' Malta imma l-mewt tiġikkawżata barra minn dawk il-limiti.".

Żjieda ta' titolu ġdid u artikolu ġdid 310Ċ mal-Kodiċi.

20. Minnufih wara l-artikolu 310B tal-Kodiċi għandu jiżdied dan it-titolu u l-artikolu ġodda li ġejjin:

"DISPOŻIZZJONI ĠENERALI LI TKUN TAPPLIKA GĦAL REATI TAĦT IS-SUB-TITOLI I, II u III

Diżabilità fil-każ ta' reati kontra persuni ta' taħt l-età.

310Ċ. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) u (2A) tal-artikolu 208B għandhom japplikaw għal kull persuna litinsab ħatja ta' xi reat taħt is-Sub-titoli I sa III, it-tnejn inklużi, meta jsiru kontra xi persuna ta' taħt l-età.".

Emenda tal-artikolu 314A tal-Kodiċi.

21. Fit-tifsira ta' "mezz letali" fis-subartikolu (4) tal-artikolu 314A tal-Kodiċi, il-kliem "tfisser kull ħaġa mfassla sabiex" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "tinkludi kull tixrid radioattiv jew mezz li jarmi r-radjazzjoni, u kull ħaġa oħra mfassla sabiex" u minnufih wara l-kliem "jew materjal radioattiv" għandhom jidħlu l-kliem "jew minħabba l-proprjetajiet radioloġiċi tiegħu".

Żjieda ta'artikoli ġodda 314ĊA, 314ĊB, 314ĊĊ u 314ĊD mal-Kodiċi.

22. Minnufih wara l-artikolu 314Ċ tal-Kodiċi għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Użu ta' materjal radioattiv, mezz letali jew faċilità nukleari mfassla biex jikkawżaw il-mewt eċċ.

314ĊA. Kull min juża b'kwalunkwe mod materjal radioattiv jew mezz letali, jew juża jew jagħmel ħsara lil impjant nukleari b'dak il-mod li joħroġ jew ikun hemm riskju li joħroġ materjal radioattiv:

(a) bil-ħsieb li tikkawża l-mewt jew offiża serja fuq il-persuna; jew

(b) bil-ħsieb li ssir ħsara serja lill-proprjetà jew lill-ambjent; jew

(ċ) bil-ħsieb li jġiegħel persuna naturali jew ġuridika, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi att,

jista' jeħel meta jinsab ħati l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmien snin sa tletin sena anke jekk fil-fatt ma tikkawża ebda ħsara fuq xi persuna, proprjetà jew l-ambjent u anke jekk fil-fatt l-ebda persuna naturali jew ġuridika jew organizazzjoni internazzjonali jew Stat ma tkun ġiet mġiegħla kif imsemmi hawn fuq.

Jekk l-użu ta' materjal radioattiv jew mezz letali jikkawżaw l-mewt jew l-offiża gravi fuq il-presuna eċċ.

314ĊB.(1) Jekk bħala riżultat tar-reat imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, xi persuna titlef ħajjitha, il-ħati għandu jeħel il-piena ta' priġunerija għal għomru.

(2) Jekk bħala riżultat tar-reat imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, issir offiża gravi fuq il-persuna, il-ħati għandu jeħel priġunerija għal żmien ta' minn erba' sa għoxrin sena:

Iżda jekk l-offiża gravi fuq il-persuna ssir fuq żewġ persuni jew iżjed il-piena stabbilita fl-aħħar artikolu qabel dan għandha tapplika u ma tingħatax fil-minimu tagħha.

(3) Jekk bħala riżultat tar-reat imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan :

(a) isir xi ħassir, ħsara jew tgħarriq serju lil jew fuq xi proprjetà mobbli jew immobbli ta' xi persuna jew lil jew fuq l-ambjent;

(b) xi persuna naturali jew ġuridika, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jiġu mġiegħlha jagħml jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa,

il-piena hemmmsemmija ma tingħatax fil-minimu tagħha.

(4) Meta r-reat isir fi, jew ikun dirett lejn, post pubbliku, faċilità tal-istat jew tal-gvern, faċilità infrastrutturali jew sistema ta' trasport pubbliku l-piena għar-reat għandha tiżdied bi grad.

Pussess illegali ta' materjal radioattiv jew li jiġi magħmul jew ikun hemm pussess ta' mezz letali.

314ĊĊ.(1) Kull min ikollu pussess illegali ta' materjal radioattiv jew jagħmel jew ikollu pussess ta' mezz letali:

(a) bil-ħsieb li tikkawża l-mewt jew offiża serja fuq il-persuna; jew

(b) bil-ħsieb li ssir ħsara serja lill-proprjetà jew lill-ambjent,

jista' jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 313 miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi.

(2) Kull min–

(a) jhedded, taħt ċirkostanzi li juru l-kredibbiltà tat-theddida, li jikkommetti r-reat taħt is-subartikolu (1); jew

(b) bl-użu ta'theddid, taħt l-istess ċirkostanzi imsemmija qabel, jew bl-użu tal-forza, jitlob illegalment u xjentement materjal radioattiv, mezz letali jew faċilità nukleari

jista' jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 313 miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi.

(3) Kull min -

(a) jorganizza jew imexxi persuni biex jikkommettu reat taħt is-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi; jew

(b) b'xi mod ieħor jikkontribwixxi xjentement sabiex jitwettaq xi wieħed jew iżjed mir-reati taħt is-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi, minn grupp ta' persuni li jkunu qed jaġixxu bl-istess għan meta dak il-kontribut ikun magħmul bil-għan li titferrex l-attività kriminali ġenerali jew il-ħsieb tal-grupp jew l-għarfien tal-ħsieb tal-grupp sabiex jikkommettu ir-reat jew reati konċernati,

jista' jeħel il-piena għar-reat taħt is-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi, skont il-każ xi jkun, iżda meta ir-reat kien biss attentat imma mhux ikkunsmat il-piena għandha tkun dik stabbilita għall-attentati.

(4) F'dan l-artikolu u l-artikoli 314ĊA u 314ĊB:

"mezz letali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fis-subartikolu (4) tal-artikolu 314A u tinkludi mezz ta' splużjoni nukleari;

"faċilità nukleari" tfisser:

(a) kull reattur nukleari, inklużi reatturi installati fuq bastimenti, vetturi, inġenji tal-ajru jew oġġetti spazjali biex jintużaw bħala sors ta' enerġija sabiex dawk il-bastimenti, vetturi, inġenji tal-ajru jew oġġetti spazjali jimxu jew għal finijiet oħra;

(b) kull impjant jew mezzi ta' twassil użati għall-produzzjoni, ħażna, proċessar jew trasport ta' materjal radioattiv;

"materjal nukleari" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fis-subartikolu (4) tal-artikolu 314B;

"materjal radioattiv" tfisser materjal nukleari jew sustanzi radioattivi oħra li jkun fihom nuklidi li jkunu sottoposti għal disintegrazzjoni spontanja (proċess li miegħu hemm emmisjonijiet ta' xi tip wieħed jew iżjed ta' radjazzjoni ionizzanti, bħal partikoli alpha-, beta-, neutron u raġġi gamma) u li jistgħu, minħabba l-proprjetajiet radjoloġiċi jew fissili tagħhom, jikkaġunaw il-mewt, offiżi serji fuq il-persuni jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent;

"sistema ta' trasport pubbliku" "faċilità tal-istat jew gvern", u "faċilità infrastrutturali" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom rispettivament fis-subartikolu (4) tal-artikolu 314A.

Ġurisdizzjoni.

314ĊD. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandu jkollhom ġurisdizzjoni ukoll fuq ir-reati fl-artikoli 314A, 314B, 314Ċ, 314ĊA u 314ĊB, meta:

(a) il-ħati ikun ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta; jew

(b) ir-reat isir kontra ċittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta; jew

(ċ) ir-reat isir bħala attentat sabiex Malta tiġi mġiegħlha tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa; jew

(d) ir-reat isir fuq inġenju tal-ajru li jkun imħaddem mill-Gvern ta' Malta; jew

(e) ir-reat isir kontra Malta jew faċilità tal-gvern ta' Malta barra mill-pajjiż, inkluż kull ambaxxata jew fond diplomatiku jew konsolari ta' Malta.".

Emenda tal-artikolu 314D tal-Kodiċi.

23. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 314D tal-Kodiċi fit-tifsira "reat rilevanti" il-kliem "314B u 314Ċ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "314B, 314Ċ, 314ĊA u 314ĊĊ".

Emenda tal-artikolu 328 tal-Kodiċi.

24. Fil-proviso tal-artikolu 328 tal-Kodiċi, il-kliem "proprjetà pubblika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "proprjetà pubblika, ħlief vettura bil-mutur,".

Emenda tal-artikolu 337B tal-Kodiċi.

25. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 337B tal-Kodiċi, minnufih wara t-tifsira "*computer*" għandu jiżdied dan li ġej:

" "*computer data*" tfisser kull rappreżentazzjoni ta' fatti, tagħrif jew kunċetti f'forma xierqa biex jiġu proċessati f'sistema ta' *computer*, inkluż programm xieraq biex iġiegħel sistema ta' *computer* tagħmel funzjoni;".

Emenda tal-artikolu 337Ċ tal-Kodiċi.

26. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 337Ċ tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) tipprevjeni jew tostakola l-funzjonament jew t-tħaddim ta' xi sistema ta' *computer*, *software* jew l-integrità jew affidabilità ta' xi *data*;";

(b) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "tħassar, teqred, tvarja" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, trażżan, teqred, tvarja";

(ċ) fil-paragrafu (j) tiegħu, minflok il-kliem "xi liġi oħra." għandhom jiġu sostiwiti l-kliem "xi liġi oħra;" u minnufih wara għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafiġodda li ġejjin:

"(k) tinterċetta b'mezzi tekniċi, transmissjonijiet ta' *data* mhux pubbliċi, lil, minn jew ġo sistema ta' *computer*, inkluż emissijonijiet elettromagnetiċi minn sistema ta' *computer* li tkun iġġorr dik id-*data* tal-*computer*;

(l) tipproduċi, tbiegħ, takkwista għal użu, timporta, tqassam, tkun fil-pussess jew xort'oħra tagħmel disponibbli mezz, inkluż program ta' *computer*, ddsinjat jew adattat primarjament bil-għan li jitwettqu xi atti taħt il-paragrafi (a) sa (j) hawn fuq.".

Emenda tal-artikolu 338 tal-Kodiċi.

27. Minnufih wara l-paragrafu (ll) tal-artikolu 338 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(mm) juża kanuni tal-gass jew xi tagħmir ieħor li jkun jaħdem b'mod manwali jew awtomatiku, biex jipproduċi ħsejjes, maħsuba prinċipalment biex jinżammu 'l bogħod minn għelieqi jew pjazez l-annimali:

Iżda f'każ bħal dan, il-Qorti, minbarra l-piena, għandha tordna t-tneħħija tat-tagħmir.".

Emenda tal-artikolu 362 tal-Kodiċi.

28. Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 362 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għan-notifika taċ-ċitazzjoni u ta' kull dokument li jkun magħha kull meta persuna għandha tiġi nnotifikata b'xi ċitazzjoni jew xi dokument ieħor li jkun magħha skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra.".

Emenda tal-artikolu 374 tal-Kodiċi.

29. Fil-paragrafu (d) tal-artikolu 374 tal-Kodiċi il-kliem "jekk ma jidhirx il-kwerelant" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jekk fl-ewwel seduta ma jidhirx il-kwerelant".

Emenda tal-artikolu 435AA tal-Kodiċi.

30. Id-dispożizzjoni preżenti tal-artikolu 435AA tal-Kodiċi għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u minnufih wara għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Meta tinħareġ jew ssir applikazzjoni għal ordni ta' sorveljanza, kull min, ikun jaf jew jissuspeta li s-sorveljanza

qeda fis-seħħ jew saret applikazzjoni għaliha, jikxef li dik is-sorveljanza qeda fis-seħħ jew li saret applikazzjoni għaliha jew jiżvela xi ħaġa li x'aktarx tagħmel ħsara lill-operazzjoni tas-sorveljanza ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux aktar minn tnax-il elf euro (12,000) jew piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tnax-il xahar, jew għal multa u priġunerija flimkien:

Iżda fil-proċedimenti għal reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi ma kienx jaf jew ssupetta illi l-kxif kien x'aktarx ser jagħmel ħsara lill-operazzjoni ta' sorveljanza.

(3) Għal finijiet ta' dan l-artikolu, "reat rilevanti" tfisser reat, mhux wieħed ta' natura involontarja, li jkun jikkonsisti f'xi għemil jew nuqqas ta' għemil li kieku kellu jsir f'dawn il-gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrespondenti, ikun jikkonsisti f'reat suġġett għal piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien ta' iktar minn sena.".

Emenda tal-artikolu 435BA tal-Kodiċi.

31. L-artikolu 435BA tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "ta' persuna suspettata" għandhom jiġu sostitiwiti l-kliem "ta' persuna suspettata b'reat rilevanti fi ħdan it-tifsira tas-subartikolu (3) tal-artikolu 435AA";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu hekk kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta persuna jew awtorità tkun indikata mill-Avukat Ġenerali kif stabbilit taħt l-artikolu 435AA, dik il-persuna jew awtorità għandha tittrasmetti t-tagħrif li jirriżulta mill-operazzjoni ta' sorveljanza lill-Avukat Ġenerali."

Żjieda tal-artikolu ġdid 435BĊ mal-Kodiċi.

32. Minnufih wara l-artikolu 435BB tal-Kodiċi għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Konsenja temporanja ta' persuna li tkun qiegħda tinżamm f'kustodja lejn pajjiż barrani fuq talba ta' awtorità estera.

435BĊ.(1) B'mod konformi ma' u skont kull trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim li Malta tkun parti fih jew li jkun xort'oħra applikabbli għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista', bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, jagħti l-kunsens tiegħu għall-konsenja temporanja ta' persuna li tkun qiegħda tinżamm f'kustodja għall-fini ta' investigazzjoni li tkun ser issir jew li tkun qiegħda ssir minn xi awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' pajjiż barra minn Malta wara talba li ssir minn dik l-awtorità.

(2) Il-persuna konsenjata għandha tinżamm f'kustodja fil-post barra minn Malta lejn fejn hija tkun ġiet konsenjata.

(3) Kull zmien li jingħadda f'kustodja barra minn Malta għandu jitqies li jkun żmien mgħoddi f'kustodja f'Malta.".

Emenda tal-artikolu 525 tal-Kodiċi.

33. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 525 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 397(5) u " għandhom jiġu sostiwiti l-kliem "tal-artikolu 397, *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 467 u " u minnufih wara l-kliem "ta' ġudikatura kriminali" għandhom jiżdiedu l-kliem "taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 370 jew taħt xi dispożizzjoniet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.".

Emenda tal-artikolu 541 tal-Kodiċi.

34. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 541 tal-Kodiċi, il-kliem "Avukat Ġenerali fi żmien jumejn" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat Ġenerali, flimkien mal-atti tal-kawża, fi żmien jumejn".

Emenda tal-artikolu 550A tal-Kodiċi.

35. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 550A tal-Kodiċi għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-maġistrat għandu jikkomunika lill-Avukat Ġenerali dak it-tagħrif dwar l-inkjesta kif ikun mitlub mill-Avukat Ġenerali li barra minn hekk għandu, f'kull ħin, ikollu aċċess għall-atti tal-kawża tal-inkjesta u għal kull dokument u oġġett materjali ieħor esibit tul l-inkjesta inkluż ir-rapporti tal-esperti u d-deposizzjoni tax-xhieda.".

Emenda tal-artikolu 649 tal-Kodiċi.

36. Minnufih wara s-subartikolu (13) tal-artikolu 649 tal-Kodiċi għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(14) Meta l-Avukat Ġenerali jkun għamel dikjarazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2), uffiċjali barranin maħtura mill-awtorità barranija jew qorti internazzjonali li jkunu talbu biex

jkunu intitolati li jkunu preżenti għall-eżaminazzjoni tax-xhieda jew meta miżuri ta' investigazzjoni jkunu qiegħdin jittieħdu.".

TAQSIMA II

Emenda tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Kap.10.

37. (1) Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi."

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti tagħha.

Żjieda tal-artikoli ġodda 153 u 154 mal-Kodiċi.

38. Fit-Taqsima VIII tal-Kodiċi, minnufih wara t-titolu "FUQ L-ANNIMALI", għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Tifsir. Kap. 439.

152. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima "annimal" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Prekawzjonijiet.

153. Kull persuna li ssakkar jew iġiegħel, jew tippermetti, li xi annimal jissakkar f'xi post, għandha tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skond iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien, permezz ta' inbiħ jew tnewwiħ jew xort'oħra.".

TAQSIMA III

Emenda tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. Kap. 65.

39. (1) Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-liġi prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti.

Sostituzzjoni tal-artikolu 15B tal-liġi prinċipali.

40. L-artikolu 15B tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"15B. (1) Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' *motor-car* jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-

limitu preskritt.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu sabiex-

(a) jiġu stabbiliti dawk il-proċeduri li għandhom jiġu adottati mill-Pulizija fit-twettiq tat-testijiet tan-nifs;

(b) jiġi stabbilit ix-xorta ta' strument li għandu jintuża fit-testijiet tan-nifs;

(ċ) tiġi stabbilita l-proċedura għat-teħid ta' kampjuni ta' fluwidi tal-ġisem inkluż id-demm;

(d) jiġi stabbilit il-laboratorju għat-teħid ta' kampjuni ta' fluwidi tal-ġisem inkluż id-demm:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista', permezz ta' regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, jemenda, iħassar jew iħassar u jerġa' jagħmel l-iskedi ta' din l-Ordinanza.".

Emenda tal-artikolu 15E tal-liġi prinċipali.

41. L-artikolu 15E tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "taħt l-artikoli 15A u 15B", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt l-artikoli 15A u 15B (1)";

(ii) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju; jew";

(iii) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) tagħti kampjun jew kampjuni tad-

demm u l-urina għall-analiżi tal-laboratorju, li għandhom isiru fil-laboratorju approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analizi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju.";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun kif maħsub taħt dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt."; u

(d) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi mħassar u s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5) tiegħu.

Emenda tal-artikolu 15F tal-liġi prinċipali.

42. L-artikolu 15F tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"15F. (1) Persuna mitluba tagħti kampjun tan-nifs jew ta' fluwidu tal-ġisem u li tagħti l-kunsens tagħha għal dik il-proċedura, tista' tinżamm mill-Pulizija sakemm dik il-persuna tagħti l-kampjun neċessarju jew sakemm dik il-persuna ma tkunx iżjed ta' perikolu għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor.

(2) Il-Ministru għandu permezz ta' regolamenti jistabbilixxi, u jista', meta hekk stabbilit, jibdel b'regolamenti, il-proporzjon ta' alkoħol permess fin-nifs.".

Emenda tal-artikolu 15Ħ tal-liġi prinċipali.

43. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 15Ħ tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "elf u mitejn euro (€1,200)"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "minn elf u mitejn euro (€1,200) iżda mhux iżjed" għandhom jiġu mħassra.

44. L-artikolu 15I tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 15I tal-liġi prinċipali.

(a) t-tifsira "test tan-nifs" fis-subartikolu (1) tiegħu, għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "test tan-nifs" tfisser test bil-għan li jiġi stabbilit, permezz ta' strument tax-xorta approvata mill-Ministru, jekk il-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ta' persuna huwiex iżjed mill-limitu preskritt b'regolamenti taħt din l-Ordinanza;"; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Persuna titqies li tat kampjun ta' urina jew nifs biss jekk dak il-kampjun jingħata b'dak il-mod u f'dik il-kwantità u ta' dik il-kwalità li tkun tista' tiġi analizzata kif imiss għall-finijiet tal-artikolu 15E jew għall-finijiet tar-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza.".

45. Minnufih wara l-artikolu 15I tal-liġi prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Żjieda ta' artikolu ġdid mal-liġi prinċipali.

"Li wieħed jibqa' għaddej jew joħroġ fuq dawl aħmar.

15J. Kull persuna li tibqa' għaddejja jew toħroġ fuq dawl aħmar b'*motor-car* jew vettura oħra, tkun ħatja ta' reat, u meta tinsab ħatja, tista' teħel multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250).".

46. L-Ewwel Skeda tal-liġi prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: Emenda tal-Ewwel Skeda tal-liġi prinċipali.

"**L-EWWEL SKEDA**

L-Ewwel Kolonna	*It-Tieni Kolonna*
Reat	*Piena*
Sewqan ta' vettura bil-mutur b'*caterpillar tracks*	
L-ewwel reat	Multa ta' mhux inqas minn €250 iżda mhux iżjed minn €1,200
Reat sussegwenti	Multa ta' mhux inqas minn €500 iżda mhux iżjed minn €1,200 u konfiska tal-vettura".

Emenda tat-Tieni Skeda tal-liġi prinċipali.

47. Minnufih wara l-aħħar punt tat-Tieni Skeda tal-liġi prinċipali, għandhom jidħlu dawn l-punti ġodda li ġejjin:

"Li wieħed isuq ġo karreġġata għal vetturi ta' preċedenza	Ammenda ta' €100
Li wieħed isuq fuq in-naħa tal-lemin mhux biex jaqla	Ammenda ta' €100
Li wieħed isuq motor-car jew vettura oħra waqt li jżomm u, jew juża b'idejh telefon ċellulari jew xi apparat ieħor simili li jinżamm fl-idejn, waqt li l-vettura tkun miexja	Ammenda ta' €100
Li wieħed isuq jew jippermetti li tinsaq vettura bil-mutur meta l-ħġieġ ta' dik il-vettura ma jkunx jippermetti dħul ta' dawl	Ammenda ta' €100".

TAQSIMA IV

Emenda tal-Att dwar il-Pulizija. Kap. 164.

48. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Pulizija u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Pulizija, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

49. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Pulizija", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:" "Stat Membru li jissekonda" tfisser l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li jawtorizza l-uffiċjali tiegħu jew uffiċjali oħra biex jipparteċipaw f'operazzjonijiet u rondi konġunti mal-Pulizija kif stabbilit taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 117A;";

(b) minnufih wara t-tifsira "Taqsima Affarjiet Intemi", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

"Kap. 460. "it-Trattat" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilu bl- artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Uffiċjal Gazzettjat" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "uffiċjali sekondati" tfisser uffiċjali jew uffiċjali oħra ta' Stat Membru li jissekonda;";

(d) fit-tifsira "uffiċjal tal-Pulizija", il-kliem "l-Kummissarju." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Kummissarju;" u minnufih wara għandha tidħol din it-tifsira

ġdida li ġejja:

" "Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea kif mfissra fit-Trattat.".

Emenda tal-artikolu 108 tal-liġi prinċipali.

50. Id-dispożizzjoni preżenti tal-artikolu 108 tal-liġi prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala is-subartikolu (1) tagħha u minnufih wara għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Kummissarju jista' wkoll jagħmel ordnijiet permanenti għar-regolamentazzjoni ġenerali ta' uffiċjali sekondati kif mfisser taħt l-artikolu 117A.".

Żjieda tal-artikoli ġodda 117A sa 117E, it-tnejn inklużi, mal-liġi prinċipali.

51. Minnufih wara l-artikolu 117 tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Rondi u operazzjonijiet oħra konġunti ma' uffiċjali minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

117A.(1) Il-Kummissarju jista' jawtorizza l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (minn hawn iżjed 'l quddiem msemmija 'Stat Membru li jissekonda') biex isiru f'Malta, flimkien ma' jew taħt il-kontroll jew direzzjoni tal-Pulizija, rondi u operazzjonijiet oħra minn uffiċjali jew uffiċjali oħra (minn hawn iżjed 'l quddiem msemmija 'uffiċjali sekondati') ta' dak l-Istat.

(2) Il-Kummissarju jista' wkoll jagħti dik l-awtorizzazzjoni wara talba ta' awtorità kompetenti barranija ta' Stat Membru.

Vestiment jew eżerċizzju ta' funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet minn uffiċjali sekondati jew f'uffiċjali sekondati.

117B. Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Kummissarju u bil-kunsens tal-Istat Membru li jissekonda-

(a) jikkonferixxi xi wieħed jew iżjed mill-funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet kif inhuma bil-liġi vestiti f'membru tal-Pulizija, lil uffiċjal sekondat li jkun qed jieħu sehem f'operazzjonijiet konġunti jew rondi konġunti mal-Pulizija, jew

(b) jawtorizza uffiċjal sekondat li jkun qed jieħu sehem f'operazzjonijiet konġunti jew rondi konġunti mal-Pulizija, biex jeżerċità is-setgħat eżekuttivi tiegħu skont il-liġi tal-Istat Membru li jissekonda:

Iżda dawk l-uffiċjali sekondati jistgħu jeżerċitaw biss dik il-funzjoni, setgħa jew dmir mogħtijajew awtorizzata lilhom taħt dan l-artikolu taħt il-gwida u fil-preżenza tal-Pulizija.

Lbies tal-uniformi nazzjonali u ġarr ta' armi tan-nar minn uffiċjali sekondati.

117Ċ. (1) Il-Kummissarju jista' jawtorizza uffiċjali sekondati biex jilbsu l-uniformi nazzjonali tagħhom.

(2) Uffiċjali sekondati m'għandhomx ikunu fil-pussess ta' jew jużaw armi tan-nar jew armi jew materjal offensiv ieħor sakemm mhux awtorizzati li jagħmlu dan mill-Kummissarju. Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal uffiċjal sekondat.

Uffiċjali sekondati jitqiesu li jkunu uffiċjali pubbliċi.

117D. Kull uffiċjal sekondat li jkun qed jieħu sehem f'xi waħda mill-operazzjonijiet li għalihom hemm riferenza fl-artikolu 117A, għandu, għal għan ta' kull responsabbiltà kriminali li tapplika taħt il-Kodiċi Kriminali jew taħt kull liġi oħra ta' dak l-uffiċjal, jew ta' ħaddieħor għal għemil kontra dak l-uffiċjal, jitqies li jkun uffiċjal pubbliku.

Tifsira ta' uffiċjal sekondat.

117E. Għal finijiet tal-artikoli 117A sa 117D, it-tnejn inklużi, "uffiċjali sekondati" għandha tiftiehem bħala li tinkludi uffiċjali ta' korpi mwaqqfa skont it-Trattat.".

TAQSIMA V

Emenda tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Kap. 234.

52. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda tal-artikolu 314 tal-liġi prinċipali.

53. Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 314 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, l-artikolu 550A(4) tal-Kodiċi Kriminali għandu japplika għall kull investigazzjoni formali magħmula taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att daqs li kieku il-kliem "l-inkjesta" qed jiġu sostitwiti bil-kliem "l-investigazzjoni formali" u daqs li kieku il-kliem "esperti" qed jiġu sostitwiti bil-kliem "assessuri".".

TAQSIMA VI

Emenda tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Kap. 276.

54. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Estradizzjoni u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Estradizzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda tal-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

55. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"(2A) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) il-Qorti tista' tirċievi bħala prova fil-proċedimenti taħt jew għal finijiet ta' dan l-Att kull dokument mhux awtentikat skont dawk id-dispożizzjonijiet meta d-dokument ikun awtentikat jew jitqies li jkun awtentikat skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2B) u (2Ċ).

(2B) F'kull proċediment taħt jew għal finijiet ta' dan l-att, dokument maħruġ fil-pajjiż li jagħmel it-talba jista' wkoll jitqiegħed bħala prova f'xi proċedimenti taħt dan l-Att jekk ikun awtentikat kif imiss skont is-subartikolu (2Ċ).

(2Ċ) Dokument jitqies li jkun awtentikat kif imiss jekk (u jekk biss) waħda minn dawn tkun tapplika-

(a) id-dokument ikun juri li hu iffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-pajjiż li jagħmel it-talba; jew

(b) id-dokument ikun juri li hu ċċertifikat, kemm b'siġill jew b'mod ieħor, mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-pajjiż li jagħmel it-talba; jew

(ċ) id-dokument ikun juri li hu awtentikat bil-ġurament, dikjarazzjoni jew affirmazzjoni ta' xhud.

(2D) Kull dokument li jkun ser jintbagħat għax ikollu x'jaqsam ma' proċedimenti taħt dan l-Att , jista' jkun trasmess b'kull metodu assigurat li jkun kapaċi jipproduċi *records* bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtenticità tiegħu.".

Żjieda ta'artikolu ġdid 24A mal-liġi prinċipali.

56. Minnufih wara l-artikolu 24 tal-liġi prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Passaġġ.

24A. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jawtorizza passaġġ minn Malta ta' persuna li tkun qiegħda tiġi konsenjata lil xi pajjiż la darba tingħata din l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna li tkun qiegħda tiġi konsenjata;

(b) l-eżistenzà ta' mandat t'arrest u l-konsenja ta' dik il-persuna;

(ċ) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat li għalih jinħareg il-mandat t'arrest u l-konsenja tal-persuna;

(d) id-deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi tar-reat, inkluż id-data u l-post tar-reat:

Iżda għandu jiġi miċħud passaġġ jekk il-persuna li tkun qiegħda tiġi konsenjata tkun ċittadin jew residenti permanenti f'Malta u l-konsenja tkun qed issir għal finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija jew forma oħra ta' detenzjoni.

(2) L-informazzjoni fis-subartikolu (1) tista' tkun trasmessa lill-Kummissarju tal-Pulizija b'kull mezz li jista' jipproduċi *record* bil-miktub.

(3) Meta t-trasport tal-persuna konsenjata ikun ser isir bl-ajru, ikun meħtieġ biss li l-Kummissarju tal-Pulizija tingħatalu dik l-informazzjoni meħtieġa fis-subartikolu (1) fil-każ li jkun hemm inżul mhux mistenni.

(4) Persuna li tkun għaddejja minn Malta tul il-kors tal-estradizzjoni tagħha jew it-trasferiment tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal iehor, għandha tinżamm fil-kustodja tul il-passaġġ.".

Żjieda tal-artikolu ġdid 30A mal-liġi prinċipali.

57. Minnufih wara l-artikolu 30 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Arranġamenti speċjali għall-estradizzjoni.

30A. (1) Dan l-artikolu japplika, meta l-Ministru jidhirlu li-

(a) ikunu saru jew japplikaw arranġamenti bejn Malta u pajjiż ieħor għall-estradizzjoni tal-persuna lejn dak il-pajjiż; u

(b) il-pajjiż mhux pajjiż tal-*Commonwealth* speċifikat jew pajjiż barrani speċifikat.

(2) Il-Ministru jista' jiċċertifika illi l-kondizzjonijiet fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) huma sodisfatti fir-rigward tal-estradizzjoni ta' dik il-persuna.

(3) Jekk l-Ministru joħroġ ċertifikat taħt is-subartikolu (2), l-Att ikun japplika fir-rigward tal-estradizzjoni ta' dik il-persuna lejn pajjiż ieħor daqs li kieku dak il-pajjiż kien pajjiż barrani speċifikat.

(4) Kif applikat bis-subartikolu (3), dan l-Att għandu effett ma' kull modifikazzjoni oħra speċifikati fiċ-ċertifikat.

(5) Iċ-ċertifikat taħt is-subartikolu (2) rigward persuna li jkun prova konklużiva illi l-kondizzjonijiet fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) huma sodisfatti fir-rigward tal-estradizzjoni ta' dik il-persuna.".

TAQSIMA VII

Emenda tal-Att kontra *Money Laundering*. Kap. 373.

58. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att kontra *Money Laundering* u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att kontra *Money Laundering*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

59. Fit-tifsira "*money laundering*" fl-artikolu 2 tal-liġi prinċipali:

(a) fis-subparagrafu (iv) tiegħu, il-kliem "wieħed ikun jaf" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "wieħed ikun jaf jew jissuspetta";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "attività kriminali sottostanti" għandhom jiġu sostiwiti l-kliem "attività kriminali u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti,".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-liġi prinċipali.

60. Minnufih wara l-artikolu 4A tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"4B. (1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġunijiet biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata") hija ħatja tar-reat imsemmi fl-artikolu 3, huwa jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' sorveljanza") biex jitlob bank jissorvelja għal żmien speċifikat it-transazzjonijiet u l-operazzjonijiet bankarji li jiġu mwettqa f'kont wieħed jew iżjed f'isem il-persuna suspettata, jew f'kont wieħed jew iżjed suspettati li ntużaw għat-twettiq tar-reat jew li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-reat jew iċ-ċirkostanzi tiegħu, sew qabel, waqt jew wara t-twettiq tar-reat, inkluż kull kont f'isem persuni ġudizzjarji. Il-bank għandu, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, jikkomunika lill-persuna jew awtorità indikata mill-Avukat Ġenerali l-informazzjoni li tirriżulta mis-sorveljanza u, la darba l-informazzjoni tkun miġbura, il-persuna jew l-awtorità li tirċievi l-informazzjoni għandha titrasmetti dik l-informazzjoni lill-Avukat Ġenerali.

(2) Meta tkun saret jew tkun intalbet ordni ta' sorveljanza, kull min, meta jkun jaf jew ikollu suspett li tkun

qed issir l-investigazzjoni, jikxef illi qiegħda issir investigazzjoni jew jikxef xi ħaġa oħra li tista' tippreġudika l-imsemmija investigazzjoni jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda fi proċedimenti għal reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat ikun jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' x'aktarx jippreġudika l-investigazzjoni.".

Żjieda tal-artikolu ġdid mal-liġi prinċipali.

61. Minnufih wara l-artikolu 9 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"9A. Meta t-talba msemmija fl-artikolu preċedenti tkun magħmula bil-għan ta' sorveljanza tat-transazzjonijiet jew operazzjonijiet bankarji li jkunu qed jitwettqu minn kont wieħed jew iżjed tal-persuna suspettata, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni ta' sorveljanza u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4B għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-liġi prinċipali.

62. Minnufih wara l-artikolu 30A tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"30B. (1) Meta l-Korp jirċievi rapport li hemm riferenza għalih fl-artikolu 16(1)(a) jew meta minn informazzjoni li jkollu fil-pussess tiegħu, il-Korp jissuspetta illi xi persuna suġġetta tkun intużat għal xi transazzjoni li tkun suspettata li tinvolvi *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu jew li proprjetà tkun qiegħda fil-pussess ta' persuna suġġetta tkun inkisbet direttament jew indirettament minn, jew li tkun tikkostitwixxi ir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, il-Korp jista' jitlob lill-persuna suġġetta biex tissorvelja għal żmien speċifikat it-transazzjonijiet u l-operazzjonijiet bankarji mwettqa f'kont wieħed jew iżjed f'isem il-persuna suspettata tal-imsemmija reati, jew mwettqa f'kont wieħed jew iżjed suspettati li ntużaw fit-twettiq ta' xi wieħed mill-imsemmi reati jew li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-reat jew iċ-ċirkostanzi tiegħu, sew qabel, waqt jew wara t-twettiq tar-reat, inkluż kull kont f'isem persuni ġudizzjarji. Il-persuna suġġetta għandha tikkomunika lill-Korp l-informazzjoni li tirriżulta mis-sorveljanza u l-Korp ikun jista' juża dik l-informazzjoni għal finijiet tat-twettiq tal-analiżi tiegħu u r-rappurtar tal-funzjonijiet

taħt dan l-Att.

(2) Meta tkun saret jew tkun intalbet ordni ta' sorveljanza, kull min, meta jkun jaf jew ikollu suspett li tkun qed issir l-investigazzjoni, jikxef illi qiegħda issir investigazzjoni jew jikxef xi ħaġa oħra li tista' tippreġudika l-imsemmija investigazzjoni ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda fi proċedimenti għal reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat ikun jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' x'aktarx jippreġudika l-investigazzjoni.".

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(2) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta xi informazzjoni tkun mitluba mill-Korp taħt dan l-artikolu.".

TAQSIMA VIII

Emenda tal-Att dwar l-Armi. Kap. 480.

63. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Armi u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Armi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

64. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat msemmi fis-subartikolu (1), meta l-Qorti tqis xieraq li tagħti l-piena għal dak ir-reat mingħajr ma timponi skwalifika tal-liċenza, dik il-liċenza għandha tiġġedded.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

65. Minnufih wara l-artikolu 55 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Ġugarelli forma ta' armi.

55A. (1) Ebda persuna m'għandha tbiegħ jew toffri għall-bejgħ ġugarelli forma ta' armi tan-nar, armi regulari, munizzjon jew ponnijiet tal-ħadid.

(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), jista', meta jinstab ħati jeħel, multa ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin euro (€25) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsin euro (€450).

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61 u 64 m'għandhomx japplikaw għar-reati taħt dan l-artikolu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 237 tal-15 ta' Ġunju, 2010.

MICHAEL FRENDO
Speaker

PAULINE ABELA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati